SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

15 ta' Ġunju 2017*

"Appell — Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni (PESK) — Ġlieda kontra t-terroriżmu — Miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban — Regolament (KE) Nru 881/2002 — Iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi inklużi fil-lista stabbilita mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti — Inklużjoni mill-ġdid ta' dawn il-persuni fil-lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002 wara l-annullament tal-inklużjoni inizjali — Għajbien tal-persuna ġuridika matul il-proċedura — Locus standi in judicio"

Fil-Kawża C-19/16 P

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fis-7 ta' Jannar 2016,

Al-Bashir Mohammed Al-Faqih, residenti f'Al Sharkasa, Misrata (il-Libja),

Ghunia Abdrabbah, residenti f'Birmingham (ir-Renju Unit),

Taher Nasuf, residenti f'Manchester (ir-Renju Unit),

Sanabel Relief Agency Ltd, stabbilita f'Birmingham,

irrappreżentati minn N. Garcia-Lora, solicitor, u E. Grieves, barrister,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn F. Ronkes Agerbeek kif ukoll minn D. Gauci u J. Norris-Usher, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn G. Étienne u J.-P. Hix kif ukoll minn H. Marcos Fraile, bħala aġenti,

intervenjent fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn M. Vilaras (Relatur), President tal-Awla, J. Malenovský u D. Šváby, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħhom, Al-Bashir Mohammed Al-Faqih, Ghunia Abdrabbah u Taher Nasuf kif ukoll Sanabel Relief Agency Ltd jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tat-28 ta' Ottubru 2015, Al-Faqih *et* vs Il-Kummissjoni (T-134/11, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem "is-sentenza appellata", EU:T:2015:812), permezz ta' liema din tal-aħħar ċaħdet ir-rikors tagħhom intiż għall-annullament, minn naħa, tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1138/2010, tas-7 ta' Diċembru 2010, li jemenda għall-mija u erbgħin darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban (ĠU 2010, L 322, p. 4) u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1139/2010, tas-7 ta' Diċembru 2010, li jemenda għall-mija u wieħed u erbgħin darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban (ĠU 2010, L 322, p. 6) (iktar 'il quddiem l-"atti kontenzjużi", sa fejn dawn l-atti jikkonċernawhom.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew imsemmija mill-Qorti Ġenerali fil-punti 4 sa 20 tas-sentenza appellata u jistgħu jiġu sunti hekk kif ġej.

3 L-appellanti kienu s-suġġett, fil-kuntest tal-implementazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1390 (2002), ta' miżuri restrittivi ta' ffriżar tal-fondi tagħhom u assi finanzjarji oħrajn, adottati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002, tas-27 ta' Mejju 2002, li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerta merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża fuq fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban fl-Afganistan (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 294). Dan ir-regolament ġie adottat sabiex jimplementa l-Artikolu 3 tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2002/402/PESK, tas-27 ta' Mejju 2002, dwar miżuri restrittivi fil-konfront ta' Usama bin Laden, membri tal-organizzazzjoni Al-Qaida u t-Taliban u individwi oħrajn, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom, u li jħassar il-Pożizzjonijiet Komuni 96/746/PESK, 1999/727/PESK, 2001/154/PESK u 2001/771/PESK (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 292).

4 Huma ġew inklużi għall-ewwel darba fil-lista ta' persuni, ta' entitajiet u ta' korpi koperti mill-iffriżar tal-fondi impost mill-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 881/2002, li jinsab fl-Anness I tal-imsemmi regolament (iktar 'il quddiem il-"lista kontenzjuża"), permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 246/2006, tal-10 ta' Frar 2006, li jemenda għat-tlieta u sittin darba r-Regolament Nru 881/2002 (ĠU 2006, L 40, p. 13). Dan l-aħħar imsemmi regolament ġie adottat wara deċiżjoni tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti (iktar 'il quddiem il-"Kumitat tas-Sanzjonijiet), tas-

7 ta' Frar 2006, li emendat il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li fir-rigward tagħhom għandu japplika l-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi stabbilit bl-applikazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1390 (2002), billi inkludiet fiha b'mod partikolari l-isem tal-appellanti.

5 Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461), il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1286/2009, tad-29 ta' Diċembru 2009, li jemenda r-Regolament Nru 881/2002 (ĠU 2009, L 346, p. 42), sabiex jistitwixxi proċedura ta' inklużjoni fil-lista kontenzjuża li tiggarantixxi l-osservanza tad-drittijiet fundamentali tad-difiża tal-persuni kkonċernati u, b'mod partikolari, id-dritt tagħhom li jinstemgħu.

6 B'sentenza tad-29 ta' Settembru 2010, Al-Faqih *et* vs il-Kunsill (T-135/06 sa T-138/06, mhux ippubblikata, EU:T:2010:412), il-Qorti Ġenerali annullat l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 881/2002, sa fejn jikkonċerna lill-appellanti.

7 Bir-Regolament Nru 1138/2010, il-Kummissjoni Ewropea inkludiet mill-ġdid lil Sanabel Relief Agency fil-lista kontenzjuża. Il-premessa 3 tal-imsemmi regolament tesponi li l-Kummissjoni kkomunikat lil Sanabel Relief Agency, fix-xahar ta' Awwissu 2009, dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, imbagħad, fix-xahar ta' Lulju 2010, "dikjarazzjoni ta' raġunijiet relatata" u li Sanabel Relief Agency ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar dawn iż-żewġ dikjarazzjonijiet.

8 Bir-Regolament Nru 1139/2010, il-Kummissjoni inkludiet mill-ġdid lil Al-Faqih, Abdrabbah, u Nasuf fuq l-imsemmija lista. Il-premessa 3 tal-imsemmi regolament tesponi li l-Kummissjoni kkomunikatilhom dikjarazzjoni ta' raġunijiet, fit-22 ta' Settembru, fis-7 ta' Awwissu u fil-11 ta' Awwissu 2009, wara l-preżentata tar-rikors li ta lok għas-sentenza tad-29 ta' Settembru 2010, Al-Faqih *et* vs Il-Kunsill (T-135/06 sa T-138/06, mhux ippubblikata, EU:T:2010:412).

9 Wara deċiżjoni tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet tat-22 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni sussegwentement, bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 640/2011, tat-30 ta' Ġunju 2011, li jemenda għall-mija u tnejn u ħamsin darba r-Regolament Nru 881/2002 (ĠU 2011, L 173, p. 1), ħassar l-ismijiet ta' Al-Faqih, Abdrabbah u Nasruf mill-lista kontenzjuża.

10 Wara deċiżjoni tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet tat-8 ta' Ottubru 2013, il-Kummissjoni wkoll, bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 996/2013, tas-17 ta' Ottubru 2013, li jemenda għall-mitejn u ħames darba r-Regolament Nru 881/2002 (ĠU 2013, L 277, p. 1), ħassar l-isem ta' Sanabel Relief Agency mill-lista kontenzjuża.

Is-sentenza appellata

11 Permezz ta' att ippreżentat quddiem ir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-3 ta' Marzu 2011, Al-Faqih, Abdrabbah u Nasuf kif ukoll Sanabel Relief Agency ppreżentaw rikors intiż għall-annullament tar-Regolamenti Nri 1138/2010 u 1139/2010, sa fejn dawn l-atti jikkonċernawhom.

12 Insostenn tar-rikors tagħhom, l-appellanti qajmu erba' motivi, wieħed dwar il-proċedura ta' eżami mill-ġdid ġestita mill-Kummissjoni dwar Sanabel Relief Agency u t-tlieta l-oħra dwar dik segwita fil-konfront ta'Al-Faqih, Abdrabbah u Nasuf.

13 Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 46 tas-sentenza appellata li ma kienx hemm iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors dirett kontra r-Regolament Nru 1138/2010, li permezz tiegħu Sanabel Relief Agency ġiet inkluża mill-ġdid fil-lista kontenzjuża, peress li, skont ittra tal-awtoritajiet tar-Renju Unit tas-26 ta' Settembru 2013, din tal-aħħar ma kellhiex iktar eżistenza ġuridika u ma kellhiex iktar, għaldaqstant, *locus standi in judicio*.

14 Min-naħa l-oħra, hija ddikjarat bħala ammissibbli r-rikors dirett kontra r-Regolament Nru 1139/2010, li bih it-tliet appellanti l-oħra, Al-Faqih, Abdrabbah u Nasuf, ġew inklużi mill-ġdid fil-lista kontenzjuża.Fil-punti 47 sa 51 tas-sentenza appellata, hija qieset li dawn tal-aħħar għandhom interess ġuridiku għall-annullament tal-imsemmi regolament, minkejja t-tħassir sussegwenti ta' isimhom mill-imsemmija lista bir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 640/2011. Madankollu, hija ċaħdet, it-tliet motivi li jikkonċernawhom, rispettivament dwar l-irregolarità tal-proċedura ta' eżami mill-ġdid ġestita mill-Kummissjoni, dwar il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni mitluba mill-Artikolu 296 TFUE kif ukoll dwar il-ksur tad-dritt għall-proprjetà u tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata.

It-talbiet tal-partijiet

15 L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tannulla l-atti kontenzjużi, u

— tikkundanna lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

16 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors, u

— tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż;

17 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors, u

— tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż;

Fuq l-appell

18 Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jqajmu erba' aggravji.

19 Permezz tal-ewwel tliet aggravji tagħhom, huma jikkontestaw l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali ta' wieħed mill-motivi li huma kienu qajmu fl-ewwel istanza kif ukoll l-istħarriġ imwettaq minn din tal-aħħar fuq, minn naħa, il-legalità tal-inklużjoni mill-ġdid tagħhom fil-lista kontenzjuża, u iktar preċiżament, l-evalwazzjoni tal-Kummisjoni tal-elementi li jiġġustifikaw din l-inklużjoni mill-ġdid fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518), u, min-naħa l-oħra, il-motivazzjoni tal-atti kontenzjużi.

20 Permezz tar-raba' aggravju tagħhom, l-appellanti jikkontestaw, essenzjalment, il-konstatazzjoni mill-Qorti Ġenerali tan-nuqqas ta' eżistenza ġuridika u *locus standi in judicio* ta' Sanabel Relief Agency. F'dan ir-rigward, huma jsostnu prinċipalment li, meta Sanabel Relief Agency ġiet inkluża fil-lista kontenzjuża, kellu jiġi rikonoxxut lilha dritt għal rikors sabiex tikkontesta din l-inklużjoni, anki jekk hija ġiet imħassra mill-imsemmija lista iktar tard.

21 Fl-ewwel lok għandu jiġi eżaminat ir-raba' aggravju.

Fuq ir-raba' aggravju

L-argumenti tal-partijiet

22 Permezz tar-raba' aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta hija qieset li ma kienx hemm iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors sa fejn dan jikkonċerna lil Sanabel Relief Agency, peress li din tal-aħħar ma kellhiex iktar eżistenza ġuridika, fis-sens tal-Artikolu 78(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ġenerali fil-verżjoni tagħhom fis-seħħ fid-data meta hija ddeċidiet, u għalhekk tilfet il-*locus standi in judicio*.

23 Fil-fatt, huma jqisu li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx tibbaża ruħha, f'dan ir-rigward, fuq l-Artikolu 78 tar-Regoli ta' Proċedura tagħha kif ukoll fuq l-ittra tal-Ministru tal-Affarijiet Barranin u tal-Commonwealth tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, tas-26 ta' Settembru 2013, li ddikjaraw li Sanabel Relief Agency ma kellhiex iktar eżistenza ġuridika, peress li hija ma kinitx iktar inkluża fir-Reġistru tal-Kummerċ tar-Renju Unit (Companies House Register) wara s-sena 2007 u ġiet imħassra mir-Reġistru tal-Karità tar-Renju Unit (Charity Commission Register) fit-28 ta' Jannar 2012.

24 Minn naħa, l-Artikolu 78 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ġenerali huwa irrilevanti, peress li din id-dispożizzjoni sempliċiment tirregola l-proċedura tal-preżentata tar-rikorsi promoturi.

25 Min-naħa l-oħra, u essenzjalment, il-personalità ġuridika ta' entità ma tiġix la konferita lanqas mitlufa permezz tal-inklużjoni jew it-tħassir tagħha mir-Reġistru tal-Kummerċ jew ir-Reġistru tal-Kummissjoni tal-Karità tar-Renju Unit. Jekk dan kien il-każ, Sanabel Relief Agency ma kienx ikollha l-personalità ġuridika sabiex titlob it-tħassir tagħha mil-lista kontenzjuża tas-sena 2007. Fi kwalunkwe każ, huma jsostnu li la l-fatti li wasslu lill-Kummissjoni tal-Karità tar-Renju Unit sabiex tħassar lil Sanabel Relief Agency mir-reġistru tagħha, lanqas ir-raġunijiet għal dan it-tħassir, ma jirriżultaw mid-deċiżjoni ta' tħassir tat-28 ta' Jannar 2012.

26 Barra minn hekk, huma jenfasizzaw, li s-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, li biha l-isem tal-persuni, gruppi u entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi huwa jiġi inkluż fil-lista stabbilita bl-applikazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1390 (2002), hija bbażata fuq kriterji speċifiċi indipendenti mill-klassifikazzjonijiet li jirriżultaw mid-dritt nazzjonali, u li din kienet ir-raġuni għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill (C-229/05 P, EU:C:2007:32), li approċċ formali ma kienx xieraq u li entità li kienet inkluża fil-lista setgħet titlob it-tħassir tagħha minn fuq din tal-aħħar.

27 Huma jirrilevaw ukoll li, meta indikat fil-punt 45 tas-sentenza appellata li Sanabel Relief Agency mis-17 ta' Ottubru 2013 ma kinitx iktar is-suġġett ta' miżuri restrittivi, il-Qorti Ġenerali tidher li tibbaża d-deċiżjoni tagħha li ma tirrikonoxxix il-*locus standi in judicio* ta' Sanabel Relief Agency fuq bażi legali totalment differenti. Hija għalhekk ikkunsidrat li l-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill (C-229/05 P, EU:C:2007:32), li permezz tagħha entità għandha tkun irrikonoxxuta l-eżistenza ġuridika tagħha peress li hija s-suġġett ta' miżuri restrittivi, ma tkunx applikabbli għal korp ta' benefiċenza bħal Sanabel Relief Agency, peress li din tal-aħħar sa mis-17 ta' Ottubru 2013 ma kinitx iktar is-suġġett ta' miżuri restrittivi. Huma jqisu wkoll li l-Qorti Ġenerali kellha titlob lil Sanabel Relief Agency li tistabbilixxi l-interess ġuridiku tagħha, peress li dan kienet talbitu mingħand l-appellanti persuni fiżiċi.

28 Fl-aħħar nett, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet tagħhom ifformulati fid-dawl tan-nota ta' intervent tal-Kunsill, li biha huma jsostnu li s-soluzzjoni stabbilita fis-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331), kienet ukoll applikabbli f'dan il-każ.

29 Il-Kunsill u l-Kummissjoni jsostnu li l-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li Sanabel Relief Agency ma kellhiex iktar eżistenza ġuridika u kienet tilfet il-*locus standi in judicio* tagħha u, konsegwentement, hija kienet ġustament iddeċidiet li ma kienx hemm iktar lok li tiddeċiedi dwarha. Barra minn hekk, huma jqisu li Sanabel Relief Agency ma tistax tinvoka s-sentenza tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill (C-229/05 P, EU:C:2007:32), sa fejn, peress li ma hijiex organizzazzjoni klandestina, hija tinsab f'sitwazzjoni totalment differenti minn dik tal-Kurdistan Workers' Party (PKK).

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

30 Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 42 u 46 tas-sentenza appellata li ma kienx hemm iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors sa fejn jikkonċerna lil Sanabel Relief Agency, peress li din tal-aħħar ma kellhiex iktar eżistenza ġuridika, fis-sens tal-Artikolu 78(3) tar-Regoli ta' Proċedura tagħha, fil-verżjoni tagħhom fis-seħħ fid-data meta hija ddeċidiet, u għalhekk tilfet il-*locus standi in judicio* quddiemha.

31 Sabiex tagħmel dan, hija kkonstatat fil-punt 41 tas-sentenza appellata, li jirriżulta mill-ittra tal-Ministru tal-Affarijiet Barranin u tal-Commonwealth tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, tas-26 ta' Settembru 2013, li Sanabel Relief Agency ma kinitx iktar inkluża fir-Reġistru tal-Kummerċ tar-Renju Unit wara s-sena 2007 u ġiet imħassra mir-Reġistru tal-Karità tar-Renju Unit matul is-sena 2012.

32 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, konformement mal-Artikolu 78(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ġenerali fil-verżjoni tagħhom fis-seħħ fid-data meta din tal-aħħar iddeċidiet, il-persuni ġuridiċi tad-dritt privat għandhom jistabbilixxu l-eżistenza ġuridika tagħhom, billi jannettu mar-rikors tagħhom prova ta' din l-eżistenza, bħal estratt tar-Reġistru tal-Kummerċ, estratt tar-Reġistru tal-Assoċjazzjonijiet jew kull dokument ieħor uffiċjali. Dan ir-rekwiżit japplika wkoll għal persuni ġuridiċi li jippreżentaw rikors għal annullament kontra att tal-Unjoni li jimponi miżuri restrittivi fuqhom.

33 F'dan il-każ, mill-proċess jirriżulta li, għalkemm Sanabel Relief Agency, fuq stedina tal-Qorti Ġenerali, stabbilixxiet l-eżistenza ġuridika tagħha billi pproduċiet dokument li joriġina mir-Reġistru tal-Kummissjoni ta' Karità tar-Renju Unit, madankollu, din il-prova ġiet ikkonfutata matul il-proċedura permezz ta' ittra tal-Ministru tal-Affarijiet Barranin u tal-Commonwealth tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, li informat lill-Qorti Ġenerali bit-tħassir tagħha kemm mir-Reġistru tal-Kummerċ kif ukoll mir-Reġistru tal-Kummissjoni tal-Karità tar-Renju Unit.

34 Issa, fil-kuntest tal-appell tagħhom l-appellanti jsostnu sempliċiment li ma jistax jiġi konkluż li Sanabel Relief Agency ma kellhiex iktar eżistenza ġuridika minħabba s-sempliċi fatt li hija kienet ġiet imħassra minn dawn iż-żewġ reġistri. Min-naħa l-oħra, huma ma jsostnux li l-evalwazzjoni mwettqa mill-Qorti Ġenerali fuq l-eżistenza ġuridika ta' Sanabel Relief Agency kienet ibbażata fuq elementi materjalment mhux eżatti jew żnaturat il-provi miġjuba quddiemha.

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat bħala stabbilit li Sanabel Relief Agency ma kellhiex iktar eżistenza ġuridika u għalhekk kienet nieqsa mill-*locus standi in judicio* quddiem il-Qorti Ġenerali fid-data meta din tal-aħħar iddeċidiet.

36 Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li persuna li isimha jkun inkluż fil-lista ta' persuni msemmija minn miżuri restrittivi għandu jiġi rikonoxxut lilha tal-inqas interess morali li tikseb l-annullament ta' din l-inklużjoni, u dan fid-dawl tal-konsegwenzi fuq ir-reputazzjoni tagħha, inklużi dawk ta' wara t-tħassir ta' isimha mill-imsemmija lista (ara s-sentenzi tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni, C-239/12 P, EU:C:2013:331, punti 70 sa 72, kif ukoll tat-8 ta' Settembru 2016, Iranian Offshore Engineering & Construction vs Il-Kunsill, C-459/15 P, mhux ippubblikata, EU:C:2016:646, punt 12).

37 Madankollu, jibqa' l-fatt li fil-każ ta' persuna ġuridika tad-dritt privat, huwa neċessarju li din tal-aħħar ikollha eżistenza ġuridika, jew li r-rikors jiġu ppreżentat mill-aventi kawża tagħha.

38 Issa, minn naħa, kif jirriżulta mill-punt 35 ta' din is-sentenza, huwa stabbilit li Sanabel Relief Agency ma kellhiex iktar eżistenza ġuridika fid-data li fiha ddeċidiet il-Qorti Ġenerali. Min-naħa l-oħra, l-appellanti fl-ebda mument ma sostnew li r-rikors tagħhom, sa fejn jikkonċerna Sanabel Relief Agency, kien ġie ppreżentat minn persuni oħra fiżiċi jew ġuridiċi li jippreżentaw ruħhom bħala aventi kawża tagħha, u b'mod partikolari mill-fundaturi tagħha jew mexxejja preċedenti, inklużi Abdrabbah u Nasuf, rispettivament it-tieni u t-tielet appellanti fl-appell (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-20 ta' Ottubru 1983, Gutmann vs Il-Kummissjoni, 92/82, EU:C:1983:286, punt 2, u tat-23 ta' April 1986, Les Verts vs Il-Parlament, 294/83, EU:C:1986:166, punt 15 sa 18).

39 Bl-istess mod, peress li huwa stabbilit li Sanabel Relief Agency ma kellhiex iktar eżistenza ġuridika fid-data li fiha l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, ma tistax tibbenefika mis-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill (C-229/05 P, EU:C:2007:32).

40 Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-punt 112 ta' din is-sentenza li, peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea jqis li organizzazzjoni li l-eżistenza tagħha tkun tpoġġiet f'dubju tkompli jkollha eżistenza suffiċjenti biex tkun is-suġġett ta' miżuri restrittivi, il-koerenza u l-ġustizzja jeħtieġu li jiġi rikonoxxut li din l-entità tkompli tgawdi eżistenza suffiċjenti sabiex tikkontesta din il-miżura. Fil-fatt, kull evalwazzjoni oħra jkollha bħala riżultat li organizzazzjoni tista' tiġi inkluża fil-lista kontenzjuża mingħajr ma tkun tista' tippreżenta rikors kontra din l-inklużjoni.

41 Jibqa' l-fatt li Sanabel Relief Agency, tinsab f'sitwazzjoni totalment differenti minn dik ta' PKK, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 53 ta' din is-sentenza, li l-konstatazzjonijiet ta' fatt imwettqa mill-Qorti Ġenerali fid-digriet suġġett tal-appell, skont liema l-PKK ġiet xolta ma kinux eżatti u kienu jikkostitwixxu żnaturament tal-provi li kienu għad-dispożizzjoni tagħha.

42 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddikjarat li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors sa fejn dan kien jikkonċerna Sanabel Relief Agency.

43 Għaldaqstant, ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħal infondat.

Fuq l-ewwel aggravju

L-argumenti tal-partijiet

44 Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti jilmentaw mal-Qorti Ġenerali li interpretat it-tielet motiv li kienu qajmu b'mod żbaljat, ibbażat fuq ksur tad-dritt tal-proprjetà u d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata. Huma jikkritikawha li, fil-punti 81sa 90 tas-sentenza appellata, hija ċaħdet l-imsemmi motiv bl-applikazzjoni tal-Artikolu 44 tar-Regoli ta' Proċedura tagħha, mingħajr analiżi fil-mertu tal-provi li huma kienu pproduċew. B'hekk, il-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet bil-miktub u orali tagħhom u/jew kisret il-prinċipji stabbiliti fis-sentenza tal-14 ta' April 2015, Ayadi vs Il-Kummissjoni (T-527/09 RENV, mhux ippubblikata, EU:T:2015:205).

45 Huma jsostnu li, permezz tal-imsemmi tielet motiv, huma jargumentaw b'mod preċiż li l-Kunsill u l-Kummissjoni kienu kisru b'mod sproporzjonat id-dritt tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata. Huma jqisu li, bħala riżultat, il-Qorti Ġenerali kellha tagħmel evalwazzjoni tal-fatti li huma kienu ressqu fid-dawl tal-provi użati kontrihom mill-istituzzjonijiet. Huma jenfasizzaw li, f'dan ir-rigward, huma kienu invokaw fatt determinanti, jiġifieri li, fil-mument tal-inklużjoni tagħhom mill-ġdid fil-lista kontenzjuża, ir-Renju Unit, l-Istat Membru fl-oriġini tal-inklużjoni tagħhom fil-lista ta' persuni koperti mill-iffriżar tal-fondi, kien jikkunsidra li huma ma kinux jissodisfaw iktar il-kriterji għall-inklużjoni f'din

il-lista. Huma jippreċiżaw li kienu indikaw, fil-punt 94 tar-rikors promotur tagħhom, li dawn il-provi juru li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet f'livell ta' prova suffiċjenti li huma kienu jissodisfaw il-kriterji tar-Riżoluzzjoni 1617 (2005), b'tali mod li l-ksur tad-drittijiet tagħhom kien neċessarjament sproporzjonat.

46 Barra minn hekk, huma jikkunsidraw li l-pożizzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata hija inkompatibbli mas-sentenza tal-14 ta' April 2015, Ayadi vs Il-Kummissjoni (T-527/09 RENV, mhux ippubblikata, EU:T:2015:205), li fiha l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-fatt li r-rikorrent ma kkontestax "espliċitament" l-evalwazzjoni tal-fatti mwettqa mill-Kummissjoni ma jwaqqafhiex milli tivverifika l-eżatezza materjali ta' dawn il-fatti, peress li hija qatt ma waqfet milli tikkontesta din l-evalwazzjoni fl-osservazzjonijiet tagħha u impliċitament fil-motivi l-oħra mqajma.

47 Il-Kunsill u l-Kummissjoni jsostnu li l-Qorti Ġenerali ġustament ċaħdet it-tielet motiv imqajjem mill-appellanti, peress li r-rikors tagħhom ma ssodisfax ir-rekwiżiti ta' kjarezza u preċiżjoni meħtieġa.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

48 Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 81 sa 90 tas-sentenza appellata, li t-tielet motiv imqajjem mill-appellanti fir-rikors tagħhom ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 44(1) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha tat-2 ta' Mejju 1991, kif emendati, u konsegwentement, għandu jiġi miċħud.

49 Qabel kollox, hija fakkret, f'dan ir-rigward, li dawn ir-rekwiżiti jimplikaw li l-elementi essenzjali ta' fatt u ta' dritt li fuqhom huwa bbażat rikors għandhom jirriżultaw b'mod koerenti u li jinftiehem mit-test tar-rikors stess u li dan tal-aħħar għandu, għalhekk, jispjega f'xiex jikkonsisti l-motiv li fuqu huwa bbażat ir-rikors, sempliċi dikjarazzjoni astratta ta' din tal-aħħar ma tissodisfax l-imsemmija rekwiżiti.

50 Sussegwentement, hija kkonstatat li l-argument li l-appellanti kienu bbażaw fuq il-ksur tad-dritt għall-proprjetà ma kinux żviluppati, l-uniċi punti rrilevati fir-rikors jirreferu għar-rekwiżiti tal-provi fil-qasam kriminali. Barra minn hekk, hija indikat li kienet staqsiet lill-appellanti matul is-seduta dwar il-portata tal-motiv tagħhom u li dawn tal-aħħar kienu ppreċiżaw li kellhom l-intenzjoni li jikkontestaw il-fondatezza tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet li fuqha l-Kummissjoni bbażat id-deċiżjoni tagħha ta' inklużjoni mill-ġdid fil-lista kontenzjuża, li jirriferu f'dan ir-rigward għall-punti 65, 94 u 95 tar-rikors tagħhom kif ukoll għall-osservazzjonijiet fuq il-konsegwenzi tas-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518), li huma kienu ppreżentaw fid-9 ta' Settembru 2013, wara l-preżentata tar-rikors tagħhom.

51 Fl-aħħar nett, hija kkonstatat, minn naħa, li r-riferimenti għall-punti 94 u 95 tar-rikors kienu purament astratti u ma koprewx preċiżament ebda wieħed mir-raġunijiet li jinsabu fid-dikjarazzjoni tar-raġunijiet li fuqhom il-Kummissjoni kienet ibbażat id-deċiżjoni tagħha għall-inklużjoni mill-ġdid fil-lista kontenzjuża. Min-naħa l-oħra, hija rrilevat li ma kienx possibbli li tiġi rimedjata n-natura mhux intelliġibbli tal-motivi esposti fir-rikors permezz ta' riferiment għall-annessi ta' din tal-aħħar, kif ġie propost fil-punt 65 tar-rikors.

52 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jidhirx li r-raġunijet li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-tielet motiv tal-appellanti huma vvizzjati minn żball ta' liġi, lanqas li din tal-aħħar żnaturat it-tielet motiv.

53 Fil-fatt, skont l-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, applikabbli għall-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-istess Statut, kif ukoll skont l-Artikolu 44 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tat-2 ta' Mejju 1991, ir-rikors promotur għandu, b'mod partikolari, jindika s-suġġett tal-kawża u jinkludi t-talbiet u espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati.

54 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, minn naħa, li sabiex rikors quddiem il-Qorti Ġenerali jkun ammissibbli, huwa neċessarju li l-punti essenzjali ta' fatt u ta' liġi li fuqhom ikun ibbażat jirriżultaw, minn tal-inqas fil-qosor, b'mod koerenti u li jinftiehem, mit-test tar-rikors innifsu. Jekk huwa veru li t-test tar-rikors jista' jiġi sostnut u ssuplimentat, fuq punti speċifiċi, b'riferimenti għal siltiet partikolari minn dokumenti li jkunu annessi miegħu, riferiment globali għal dokumenti oħra ma jistax jikkumpensa għan-nuqqas tal-elementi essenzjali tal-argument ġuridiku, li għandhom jinsabu fir-rikors (sentenzi tal-11 ta' Settembru 2014, Mastercard *et* vs Il-Kummissjoni, C-382/12 P, EU:C:2014:2201, punt 40, kif ukoll tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 50).

55 Min-naħa l-oħra, l-espożizzjoni sommarja tal-motivi li għandha tkun indikata fir-rikors kollu, fis-sens ta' dawn l-artikoli, tfisser li dan tal-aħħar għandu jispjega f'xiex jikkonsisti l-motiv li fuqu huwa bbażat ir-rikors (sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, MasterCard *et* vs il-Kummissjoni, C-382/12 P, EU:C:2014:2201, punt 39).

56 Issa, jirriżulta mill-eżami tar-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza mill-appellanti li għalkemm, mit-titolu stess tiegħu, it-tielet motiv kien formalment ibbażat fuq ksur tad-dritt għall-proprjetà u tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata, l-ispjegazzjonijiet fil-qosor ħafna mressqa insostenn ta' dan tal-aħħar jikkontestaw esklużivament l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-provi li jiġġustifikaw l-inklużjoni tagħhom fil-lista kontenzjuża.

57 Fil-fatt, l-appellanti sostnew li l-Kummissjoni kienet naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-avviż tal-Gvern tar-Renju Unit, li bih huma kienu ilhom li ma jissodisfawx iktar il-kriterji stabbiliti mir-Riżoluzzjoni 1617 (2005) sabiex jiġu inklużi f'din il-lista. Għalhekk l-argument tagħhom kien essenzjalment fuq il-livell ta' prova meħieġa fil-livell tal-qasam kriminali u mhux fuq id-dritt għall-proprjetà.

58 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkunsidrat, li t-tielet motiv tar-rikors tagħhom ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 44(1) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha tat-2 ta' Mejju 1991, kif emendati.

59 Barra minn hekk, ma jistax jiġi kkunsidrat li l-Qorti Ġenerali żnaturat l-imsemmi motiv, peress li l-appellanti, fir-rikors tagħhom ma stabbilixxewx ir-rabta bejn ir-rekwiżiti fil-qasam tal-provi li huma kienu qed isostnu u l-ksur tad-dritt tagħhom għall-proprjetà u d-dritt tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata.

60 Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ċaħdet, fil-punt 90 tas-sentenza appellata, it-tielet motiv tal-appellanti.

61 Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appell għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni aggravju

L-argumenti tal-partijiet

62 Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, dirett kontra l-punti 78 u 79 tas-sentenza appellata, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali ma eżerċitatx l-istħarriġ ġudizzjarju li kienet obbligata twettaq skont is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punti 120 kif ukoll 121). Hija la eżiġiet li l-fatti allegati mill-Kummissjoni jiġu sostanzjati, lanqas ma vverifikat jekk l-allegazzjonijiet magħmula kontrihom kinux qodma wisq. Hija lanqas ma kkunsidrat l-osservazzjonijiet iddettaljati li huma kienu indirizzaw lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Qorti Ġenerali, li bihom ikkontestaw il-fondatezza tal-allegazzjonijiet magħmula kontra tagħhom.

63 Il-Kunsill isostni, prinċipalment, li t-tieni aggravju tal-appellanti ma huwiex preċiż u huwa taħlita ta' kunsiderazzjonijiet relatati mal-legalità esterna tal-atti kontenzjużi, b'mod partikolari l-obbligu tal-motivazzjoni, formalità sostanzjali, u tal-legalità interna ta' dawn tal-aħħar, dwar il-fondatezza tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista kontenzjuża. Konsegwentement, dan l-aggravju ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-forom preskritti fl-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja u għandu jiġi miċħud bħala manifestament inammissibbli. Huwa jqis, sussidjarjament, li, permezz tal-imsemmi aggravju, kull ma jagħmlu l-appellanti huwa li jifformulaw mill-ġdid l-ewwel aggravju tal-appell, relatat mal-kontestazzjoni tal-mertu tal-motivazzjoni li fuqha bbażat ruħha l-Kummissjoni sabiex tinkludi mill-ġdid lill-appellanti fil-lista kontenzjuża, u li għalhekk, fi kwalunkwe każ, għandu jiġi miċħud għall-istess raġunijiet bħal dawk imressqa fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel aggravju tal-appell.

64 Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan l-aggravju, li jkopri l-punti 78 u 79 tas-sentenza appellata, li bihom il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-Regolament Nru 1139/2010 ma kienx ivvizzjat bi ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, huwa manifestament infondat. Il-Qorti Ġenerali applikat b'mod preċiż il-kriterji tas-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punt 118), li jistabbilixxu li l-motivazzjoni għandha tidentifika r-raġunijiet individwali, speċifiċi u konkreti li bihom l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw jimponu miżuri restrittivi fuq persuna. Hija żżid li l-punti 120 u 121 ta' din is-sentenza tal-aħħar ma kinux jikkonċernaw l-obbligu ta' motivazzjoni, iżda l-evalwazzjoni tal-mertu tar-raġunijiet invokati, b'tali mod li "l-appellanti jiżbaljaw il-mira tagħhom".

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

65 Fil-punt 80 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tiċħad bħala mhux fondat it-tieni motiv imqajjem mill-appellanti, dwar ksur mill-Kummissjoni tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-atti kontenzjużi. Permezz ta' dan il-motiv huma kienu kkontestaw in-natura vaga u insuffiċjenti tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni sabiex tinkludihom mill-ġdid fil-lista kontenzjuża.

66 Hija fakkret, fil-punti 74 sa 76 ta' din is-sentenza, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-obbligu ta' motivazzjoni jaffettwaw negattivament lill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 296 TFUE, il-Qorti Ġenerali enfasizzat b'mod partikolari li, konformement mal-punt 116 tas-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518), dan l-obbligu jimplika fiċ-ċirkustanzi kollha, inkluż meta l-motivazzjoni tal-att tal-Unjoni jikkorrispondi ma' motivi esposti minn entità internazzjonali, li din il-motivazzjoni tidentifika r-raġunijiet individwali, speċifiċi u konkreti, li għalihom l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw li l-persuna kkonċernata għandha tkun suġġetta għal miżuri restrittivi.

67 Il-Qorti Ġenerali ddeduċiet, fil-punt 77 tal-imsemmija sentenza li "ikun possibbli li wieħed jibbaża ruħu biss fuq id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet li inkludiet l-isem tal-persuni kkonċernati fil-lista kontenzjuża, sakemm din tal-aħħar ikun fiha r-raġunijiet individwali, speċifiċi u konkreti u dawn jibqgħu validi fid-dawl tal-osservazzjonijiet tal-persuni li huma inklużi fuq il-lista".

68 Kif jirriżulta mill-punti 78 u 79 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, minn naħa, indikat li r-Regolament Nru 1139/2010 irrefera għall-komunikazzjoni lill-appellanti tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet u tal-osservazzjonijiet li dawn tal-aħħar setgħu jippreżentaw f'dan ir-rigward, u, min-naħa l-oħra, evalwaw il-motivazzjoni tal-imsemmija dikjarazzjoni, billi qiesu f'dan il-każ li dawn kienu konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mis-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punt 116), sa fejn huma kien fihom ir-raġunijiet individwali, speċifiċi u konkreti li jiġġustifikaw l-inklużjoni tal-appellanti fil-lista kontenzjuża.

69 Għalhekk, ma jistax jiġi allegat li, bir-raġunijiet mogħtija fl-imsemmija punti, li bihom il-Qorti Ġenerali evalwat il-motivazzjoni tal-inklużjoni mill-ġdid tal-appellanti fuq il-lista kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali ma vverifikatx li l-Kummissjoni kienet issodisfat l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha tal-atti kontenzjużi.

70 Konsegwentement, billi ppreċiżat li l-appellanti ma allegawx li l-Qorti Ġenerali kienet żnaturat it-tieni motiv tar-rikors tagħhom fl-ewwel istanza, it-tieni aggravju tal-appell għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tielet aggravju

L-argumenti tal-partijiet

71 Permezz tat-tielet aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali tikkunsidra b'mod żbaljat li l-Kummissjoni kienet wettqet eżami bir-reqqa, imparzjali u awtonomu, għaliha nnifisha, tal-fatti invokati fid-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-atti kontenzjużi kif ukoll il-provi li jiskaġunaw u l-osservazzjonijiet li huma kienu pproduċew. F'dan ir-rigward, huma jenfasizzaw, li l-Qorti Ġenerali ma tidhirx li ħadet inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet bil-miktub u orali li kienu ppreżentaw matul il-proċedura, peress li ma wieġbet għal ebda wieħed mill-argumenti li huma kienu ressqu.

72 Huma jqisu li, fid-data tal-adozzjoni tal-atti kontenzjużi, il-Kummissjoni sempliċiment tat l-apparenza li kienet qed tivverifika l-proċess. Hija, essenzjalment ma osservatx ħlief b' mod purament formali d-drittijiet tad-difiża tal-appellanti, mingħajr ma kkunsidrat li tikkontesta l-evalwazzjonijiet tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet fid-dawl tal-osservazzjonijiet tagħhom, aġir li l-Qorti Ġenerali diġà kellha l-opportunità li tiċċensura fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Settembru 2010, Kadi vs Il-Kummissjoni (T-85/09, EU:T:2010:418, punt 71), imbagħad fis-sentenzi tal-21 ta' Marzu 2014, Yusef vs Il-Kummissjoni (T-306/10, EU:T:2014:141, punti 103 u 104), kif ukoll tal-14 ta' April 2015, Ayadi vs Il-Kummissjoni (T-527/09 RENV, mhux ippubblikata, EU:T:2015:205, punti 72 u 73). Il-fatt li l-Kummissjoni ma stabbilixxiet ebda kuntatt mar-Renju Unit, li kien l-Istat Membru li kien fl-oriġini tal-inklużjoni tagħhom fil-listi ta' persuni koperti mill-iffriżar tal-fondi u li ma kienx iktar favur l-inklużjoni mill-ġdid tagħhom fil-mument tal-adozzjoni tal-atti kontenzjużi, jistabbilixxi r-realtà ta' dan l-aġir.

73 Issa, il-Qorti Ġenerali sempliċiment ikkonstatat, fil-punti 66 u 67 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet "eżaminat mill-ġdid" ir-raġunijiet tal-inklużjonijiet tas-16 ta' April 2010 u kellha diskussjonijiet mal-Kumitat tas-Sanzjonijiet fis-27 ta' Mejju, 14 ta' Settembru u 26 ta' Ottubru 2010. Madankollu, l-ebda prova ma tippermetti li tistabbilixxi li l-Kummissjoni effettivament evalwat il-provi li jiskaġunaw u l-fondatezza tar-raġunijiet allegati. Il-fatt li hija sempliċiment ikkomunikat l-osservazzjonijiet tal-appellanti lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet fis-27 ta' Mejju 2010 u li talbitu spjegazzjonijiet fuq ir-raġunijiet li għalihom l-appellanti ma ġewx irtirati mil-lista kontenzjuża ma jippermettix li jiġi stabbilit li l-Kummissjoni kienet evalwat għaliha nnifisha l-provi fil-pussess tal-awtoritajiet tar-Renju Unit. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 66 sa 70 tas-sentenza appellata, ivvalidat evalwazzjoni "mhux raġonevoli" tal-fatti.

74 Il-Kunsill iqis li t-tielet aggravju tal-appellanti jkopri konstatazzjonijiet fattwali tal-Qorti Ġenerali u għalhekk għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli. Huwa jsostni li, abbażi tal-proċess ta' eżami mill-ġdid imwettaq mill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ma żnaturat ebda wieħed mill-fatti ppreżenati fil-kuntest tal-ewwel u t-tieni motivi mqajma mill-appellanti fl-ewwel istanza. Fil-kuntest tal-appell, dawn tal-aħħar ma ressqux provi suffiċjenti sabiex juru li l-Qorti Ġenerali manifestament żnaturat il-provi li jikkonċernaw il-fatti relatati mal-proċedura segwita mill-Kummissjoni li kienu osservaw il-prinċipji stabbiliti fis-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518).

75 Il-Kummissjoni ssostni wkoll li l-appellanti, li kienu talbu essenzjalment lill-Qorti tal-Ġustizzja li teżamina mill-ġdid il-provi u l-fatti li fuqhom hija msejsa l-inklużjoni tagħhom fil-lista kontenzjuża, ma għamlu riferiment għal ebda dokument preċiż li jipprova li l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali huma materjalment mhux eżatti jew juru li hija żnaturat il-provi li ġew sottomessi lilha, b'tali mod li t-tielet aggravju tagħhom għandu jiġi ddikjarat bħala inammissibbli fl-appell tagħhom.

76 Hija tqis ukoll li t-tliet argumenti ġeneriċi ħafna mressqa mill-appellanti insostenn tal-ilment tagħhom li bih il-Qorti Ġenerali kienet evalwat b'mod mhux raġonevoli l-fatti huma infondati. Qabel kollox, l-affermazzjoni li biha r-raġuni msemmija fil-punt 70 tas-sentenza appellata ma kinitx issostanzjata ma tistax tirnexxi, peress li l-Qorti Ġenerali kienet ġustament ikkonstatat li, minn naħa, il-Kummissjoni kienet ipproċediet b'eżami bir-reqqa, awtonomu u kritiku tal-osservazzjonijiet tal-appellanti u tal-inklużjoni tagħhom fuq il-lista tal-persuni koperti mill-miżuri restrittivi deċiżi mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u, min-naħa l-oħra, hija ma kinitx ittranskriviet mill-ġdid it-talbiet ta' din tal-aħħar b'mod awtomatiku. Sussegwentement, l-argumenti tal-appellanti, li r-raġunijiet inklużi fil-punti 66 sa 70 tas-sentenza appellata huma inkompatibbli mas-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518), tal-21 ta' Marzu 2014, Yusef vs Il-Kummissjoni (T-306/10, EU:T:2014:141), kif ukoll tal-14 ta' April 2015, Ayadi vs Il-Kummissjoni (T-527/09 RENV, mhux ippubblikata, EU:T:2015:205), huma infondati peress li l-eżistenza ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva għandhom jiġu evalwati skont iċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ. Fl-aħħar nett, l-argument li l-punti 66 u 70 tas-sentenza appellata huma vvizzjati minn żball ta' liġi, peres li ma ġie stabbilit l-ebda kuntatt mar-Renju Unit fi kwalunkwe mument huwa infondat. Fil-fatt, din il-ġurisprudenza ma tobbligax lill-Kummissjoni li tagħmel kuntatt mar-Renju Unit. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni kkonsultat mal-kumitat ta' ġestjoni tal-Unjoni, li fi ħdanu huma rrappreżentati l-Istati Membri kollha.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

77 Il-Qorti Ġenerali, wara li eżaminat, fil-punti 59 sa 70 tas-sentenza appellata, l-ewwel motiv mqajjem mill-appellanti, dwar l-irregolarità tal-proċedura ta' eżami mill-ġdid imwettaq mill-Kummissjoni, ċaħditu.

78 Fl-ewwel lok, hija fakkret, fil-punti 59 sa 65 tas-sentenza appellata, il-kliem li bihom il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518), iddefinixxiet l-obbligi imposti fuq l-istituzzjonijiet, dwar l-osservanza tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, meta huma jadottaw deċiżjoni dwar l-inklużjoni ta' isem ta' persuna f'lista ta' persuni koperti minn miżuri restrittivi.

79 Fit-tieni lok, hija eżaminat, fil-punti 66 sa 70 tas-sentenza appellata, l-istadji differenti tal-proċedura segwita mill-Kummissjoni sabiex tadotta r-Regolament Nru 1139/2010 li inkluda mill-ġdid l-ismijiet tal-appellanti fil-lista kontenzjuża.

80 Hija ddeduċiet li l-Kummissjoni kienet osservat it-tliet garanziji proċedurali rrilevati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518), billi pproċediet b'eżami bir-reqqa, awtonomu u kritiku tal-osservazzjonijiet tal-partijiet kif ukoll tal-inklużjoni deċiża mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u billi wettqet eżami profond u personali tal-konklużjonijiet ta' dan tal-aħħar. Għaldaqstant, hija ddeċidiet, fil-punt 71 ta' din is-sentenza, li l-ewwel motiv tal-appellanti kellu jiġi miċħud.

81 Issa, fil-kuntest tat-tielet aggravju tal-appell tagħhom, l-appellanti ma ressqu l-ebda prova ta' natura li tistabbilixxi li l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali huma bbażati fuq provi materjalment mhux eżatti jew jirriżultaw minn żnaturament tal-provi li kienu sottomessi lilha.

82 Fil-fatt, huma sempliċiment isostnu li l-Qorti Ġenerali kkonstatat b'mod żbaljat li l-Kummissjoni kienet ipproċediet b'eżami bir-reqqa, imparzjali u awtonomu tal-kawża tagħhom. F'dan ir-rigward, huma jibbażaw ruħhom fuq iċ-ċirkustanza li r-Renju Unit, li kien fl-oriġini tal-inklużjoni tagħhom fil-lista tan-Nazzjonijiet Uniti, kien biddel il-pożizzjoni tiegħu radikalment fir-rigward tagħhom fix-xahar ta' Novembru 2009, kif ukoll fuq l-iskambju ta' korrispondenza li seħħ bejn il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sanzjonijiet li beda f'Settembru 2009.

83 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, jekk tali ċirkustanza setgħet tiġġustifika t-tħassir tagħhom minn fuq il-lista kontenzjuża, li huwa dak li finalment twettaq bl-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 640/2011, din ma kinitx, min-naħa l-oħra, tan-natura li twassal, fiha nnifisha, lill-Qorti Ġenerali li tiddeċiedi li l-Kummissjoni naqset mill-obbligi tagħha u kisret id-drittijiet tad-difiża tal-appellanti billi adottat ir-Regolament Nru 1139/2010.

84 Fil-fatt, qabel kollox, għandu jitfakkar li l-appellanti kienu ġew inklużi fil-lista kontenzjuża għall-ewwel darba permezz tar-Regolament Nru 246/2006, wara deċiżjoni tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet tas-7 ta' Frar 2006, li inkludiethom fil-lista tal-persuni u entitajiet koperti mill-miżuri restrittivi, stabbilita bl-applikazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1390 (2002). Sussegwentement, l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 881/2002 ġie annullat sa fejn jirrigwarda lill-appellanti, permezz ta' sentenza tad-29 ta' Settembru 2010, Al-Faqih *et* vs il-Kunsill (T-135/06 sa T-138/06, mhux ippubblikata, EU:T:2010:412), imsemmija fil-punt 6 ta' din is-sentenza. Imbagħad, dawn tal-aħħar kienu ġew inklużi mill-ġdid fil-lista kontenzjuża permezz tar-Regolament Nru 1139/2010, suġġett ta' rikors għal annullament miċħud mill-Qorti Ġenerali permezz tas-sentenza appellata. Fl-aħħar nett, huma ġew imħassra mil-lista kontenzjuża permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 640/2011, adottat wara deċiżjoni tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet tat-22 ta' Ġunju 2011 li ħassarhom minn fuq il-lista tan-Nazzjonijiet Uniti.

85 Issa, kif jirriżulta mill-premessi 2 sa 6 tar-Regolament Nru 1139/2010 dan kien ta' natura retroattiva, peress li l-għan prinċipali tiegħu kien li jissostitwixxi r-Regolament Nru 881/2002, kif emendat bir-Regolament Nru 246/2006, sa fejn jirrigwarda lill-appellanti. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1139/2010 kien jindika espressament li dan tal-aħħar kien japplika mill-11 ta' Frar 2006.

86 Konsegwentement, l-argument tal-appellanti għandu jiġi kkunsidrat bħala ineffettiv.

87 Minn dan isegwi li t-tielet aggravju tal-appell għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

88 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) ta' dawn tal-aħħar, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba.

89 Peress li l-Kunsill u l-Kummissjoni talbu l-kundanna tal-appellanti u dawn tal-aħħar kellhom l-aggravji tagħhom miċħuda, hemm lok li Al—Bashir Mohammed Al-Faqih, Ghunia Abdrabbar u Taher Nasuf jiġu kkundannati għall-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-appell huwa miċħud.**

2) **Al-Bashir Mohammed Al-Faqih, Ghunia Abdrabbah u Taher Nasuf huma kkundannati għall-ispejjeż.**

Firem